Nru. 17,858
Prezz Lm1.12ċ
Price Lm1.12c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Diċembru, 2005
Tuesday, 27th December, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1255

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,856 tat-23 ta' Diċembru, 2005.

A.L. Nru. 403 ta' l-2005: Att ta' l-2005 li jemenda l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. I ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 404 ta' l-2005: Att dwar Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291); Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw l-Iskeda ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Emenda Nru. 3).

A.L. Nru. 405 ta' l-2005: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Ordni ta' l-2005 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 4).

A.L. Nru. 406 ta' l-2005: Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk (Kap. 315); Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Projbizzjoni ta' Reklamar u Promozzjoni ta' Prodotti tat-Tabakk.

A.L. Nru. 407 ta' l-2005: Att ta' l-2005 li jemenda diversi Liġijiet (Att Nru. XIII ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 408 ta' l-2005: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Dikjarazzjoni ta' Vaganzi tal-Banek.

Is-27 ta' Diċembru, 2005

Nru. 1256

AWTORITÀ DWAR IX-XANDIR GĦAL MALTA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, skond l-artikolu 118(2) of tal-Kostituzzjoni, ħatar lill-persuni li ġejjin biex ikunu membri ta' l-Awtorità dwar ix-Xandir għal Malta għal perijodu ta' tliet xhur b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2005:-

GOVERNMENT NOTICES

No. 1255

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,856 of the 23rd December 2005.

L.N. No. 403 of 2005: Local Councils (Amendment) Act, 2005 (Act No. I of 2005); Commencement Notice.

L.N. No. 404 of 2005: Commissioners for Justice Act (Cap. 291); Commissioners for Justice Act (Schedule) (Amendment) (No. 3) Regulations, 2005.

L.N. No. 405 of 2005: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils (Delegation of Enforcement) (Amendment) (No. 4) Order, 2005.

L.N. No. 406 of 2005: Tobacco (Smoking Control) Act (Cap. 315); Bann on Advertising and Promotion of Tobacco Products Regulations, 2005.

L.N. No. 407 of 2005: Various Laws (Amendment) Act, 2005 (Act No. XIII of 2005); Notice of coming into force.

L.N. No. 408 of 2005: Banking Act (Cap. 371); Declaration of Bank Holidays.

27th December, 2005

No. 1256

BROADCASTING AUTHORITY FOR MALTA

IT is hereby notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, in accordance with the provisions of Section 118(2) of the Constitution, has appointed the following persons to be members of the Broadcasting Authority for Malta for a period of three months with effect from 1st October 2005:–

Chairman
Il-Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino, LL.D., B.A (Hons)

Membri
Dott. Reno Borg, BA (Hons), M.A., LL.D.
Is-Sur Antoine Ellul
Dott. Joseph Pace Asciak, B.A. (Hons), D. Litt. (Firenze)
Ms Rose Sciberras, B.A. (Hons), L.P.

Is-27 ta' Diċembru, 2005
OPM/985/64

Chairman
Chief Justice Emeritus Joseph Said Pullicino, LL.D., B.A (Hons)

Members
Dr Reno Borg, BA (Hons), M.A., LL.D.
Mr Antoine Ellul
Dr Joseph Pace Asciak, B.A. (Hons), D. Litt. (Firenze)
Ms Rose Sciberras, B.A. (Hons), L.P.

27th December, 2005

Nru. 1257

AWTORITÀ DWAR IX-XANDIR GĦAL MALTA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, skond l-artikolu 118(2) of tal-Kostituzzjoni, ħatar lill-persuni li ġejjin biex ikunu membri ta' l-Awtorità dwar ix-Xandir għal Malta għal perijodu ta' tliet snin b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2006:-

Chairman
Mr Joseph F X Scicluna

Membri
Dott. Reno Borg, BA (Hons), M.A., LL.D.
Is-Sur Alfred Mallia Milanes
Dott. Joseph Pace Asciak, B.A. (Hons), D. Litt. (Firenze)
Ms Rose Sciberras, B.A. (Hons), L.P.

Is-27 ta' Diċembru, 2005
OPM/985/64

No. 1257

BROADCASTING AUTHORITY FOR MALTA

IT is hereby notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, in accordance with the provisions of Section 118(2) of the Constitution, has appointed the following persons to be members of the Broadcasting Authority for Malta for a period of three years with effect from 1st January 2006:-

Chairman
Mr Joseph F X Scicluna

Members
Dr Reno Borg, BA (Hons), M.A., LL.D.
Mr Alfred Mallia Milanes
Dr Joseph Pace Asciak, B.A. (Hons), D. Litt. (Firenze)
Ms Rose Sciberras, B.A. (Hons), L.P.

27th December, 2005

Nru. 1258

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi bejn it-Tlieta, is-27 ta' Diċembru 2005 u s-Sibt, il-31 ta' Diċembru 2005, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-27 ta' Diċembru, 2005
(OPM 1/2005/II)

No. 1258

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assume the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance between Tuesday, 27 December 2005 and Saturday, 31 December 2005, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

27th December, 2005

Nru. 1259

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, id-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ) qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 1259

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Commerce Division (Trade Licensing Unit) is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 454	Garrett Zerafa	Maltese Island Properties 10, Cross Street Mellieħa	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	70	07.12.05
CD/3209/2005 Pt 455	Silvio Bugeja	Careja Confectionery 122, Triq Annunzjata Tarxien	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24 52.25	07.12.05
CD/3209/2005 Pt 456	Philip Agius	Philmax Spring Ltd Shop No. 1, Triq l-Imgħażel Żebbuġ, Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.3	07.12.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Is-27 ta' Diċembru, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

27th December, 2005

Nru. 1260

FORZI ARMATI TA' MALTA
(Forza Regolari)

IL-PRIM Ministru u Ministru tal-Finanzi ghoġbu japprova l-promozzjoni tal-Maġġur Martin G. Xuereb għar-*rank* ta' Logutenent Kurunell b'seħħ mill-20 ta' Diċembru 2005.

Is-27 ta' Diċembru, 2005
OPM 19/96"

No. 1260

ARMED FORCES OF MALTA
(Regular Force)

THE Prime Minister and Minister of Finance has been pleased to approve the promotion of Major Martin G. Xuereb to the rank of Lieutenant Colonel, with effect from 20th December 2005.

27th December, 2005

Nru. 1261

KUMITAT GĦAR-RIJABILITAZZJONI TAL-BELT VALLETTA U L-FURJANA

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1087 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Ottubru 2005, ngħarrfu illi s-Sur Publius Agius inħatar membru ta' l-istess kumitat għas-sena 2005-2006.

Il-21 ta' Diċembru, 2005

No. 1261

VALLETTA AND FLORIANA REHABILITATION COMMITTEE

WITH reference to the Government Notice No. 1087 published in the Government Gazette dated 28th October 2005, it is notified that Mr Publius Agius has been appointed a member of the said committee for the year 2005-2006.

21st December, 2005

Nru. 1262

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, approva lill-persuna msemmija hawn taħt sabiex tkun nominata mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
San Lawrenz	Lucienne Haber

Il-21 ta' Diċembru, 2005

No. 1262

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council after consultation with the Minister for Justice and Home Affairs, has approved that the following person be re-appointed Executive Secretary of that Local Council:–

Local Council Locality	*Secretary*
San Lawrenz	Lucienne Haber

21st December 2005

Nru. 1263

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat

No. 1263

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has

lin-Nutar Dott. Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Patrizia Mallia, LL.D., sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-21 ta' Diċembru, 2005 sal-31 ta' Diċembru, 2005.

Lorianne Camilleri
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-23 ta' Diċembru, 2005

appointed Notary Dr Mary sive Mariella Mizzi, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Patrizia Mallia, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 21st December 2005 till the 31st December 2005.

Lorianne Camilleri
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

23rd December, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema W

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Propjetà tal-Gvern

B'riferenza għal Skema W - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Propjetà tal-Gvern ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ġunju, 1999 l-Awtorità tad-Djar qed tagħmel din l-emenda:–

(1) *temenda Sub-Klawsola (I) ta' Klawsola* 5 *biex taqra kif ġej:*

(f) jekk l-applikant diġà bbenefika minn Skema Tlieta tal-1998 jista' japplika taħt din l-iskema bil-patt li x-xogħlijiet mitluba taħt din l-iskema m'humiex l-istess xogħlijiet li fuqhom ingħata għajnuna taħt l-Iskema Tlieta.

L-ammont totali ta' l-għajnuna mogħtija taħt Skema Tlieta flimkien ma' l-għotja li tiġi mogħtija taħt din l-iskema ma jeċċedix is-somma ta' Lm 3,000 kif jingħad fi Klawsola 11 u

(2) *temenda Sub-Klawsola (b)* (1) *ta' Klawsola* 11 *biex taqra kif gtj:*

(1) Suġġett għal dak li jintqal aktar l-isfel, l-applikant li jikkwalifika għall-għajnuna taħt din l-iskema għax-xogħlijiet ta' rrangar u titjib jista' japplika lill-Awtorità għall-għajnuna f'għotja għax-xogħlijiet ta' rranġar u titjib sa massimu ta' Lm 3,000 bl-iskop li jirrendi d-dar f'kundizzjoni tajba u adekwata, jekk fil-ħin ta' l-applikazzjoni tkun flivell ta' *substandard.*

(3) *temenda Sub-Klawsola (b)* (3) *ta' Klawsola* 11 *biex taqra kif ġej:–*

L-għajnuna ta' flus għal xogħlijiet ta' rranġar u titjib approvata taħt din l-Iskema ma għandiex teċċedi l-ispiża totali u raġonevoli tax-xogħlijiet li għandhom isiru bl-approvazzjoni ta' l-Awtorità u f'kull każ ma għandhiex teċċedi s-somma ta' tlett elef Liri Maltin (Lm 3,000).

Is-27 ta' Diċembru, 2005

HOUSING AUTHORITY

Scheme W

Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings

With reference to Scheme W - Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings published in the Government Gazette of the 11th June 1999, the Housing Authority is effcting the following amendments:–

(1) *amend Sub-Clause (j) of Clause* 5 *to read asfollows:*

(f) if an applicant has already benefited under Scheme Three of 1998 he may apply again under this Scheme provided that the adaptation works on which aid is being requested under this Scheme are not the same adaptation works for which aid had been granted under Scheme Three.

The total amount of the grant enjoyed under Scheme Three together with the grant to be enjoyed under this Scheme is not to exceed together the sum of Lm 3,000 as laid in Clause 11 and

(2) *amend Sub-Clause (b)* (1) *of Clause* 11 *to read as follows:*

(1) Subject to what is stated below, the applicant who qualifies for Assistance under this Scheme may apply for an Adaptation Cash Assistance Grant up to a maximum of Lm 3,000 for the purpose of rendering the dwelling house of an acceptable standard should it be, at the time of the application, of a substandard level.

(3) *amend Sub-Clause (b)* (3) *of Clause* 11 *to read as follows:–*

The Adaptation Cash grant approved under this Scheme shall not exceed the total reasonable costs of the works to be carried out as approved by the Authority, and in the case shall not exceed the sum ofLm 3,000.

27th December, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema R

Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati

B'riferenza għal Skema R - Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 15 ta' Frar 1999 l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2006.

Is-27 ta' Diċembru, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema W

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern

B'riferenza għal Skema W - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar fi Djar Proprjetà tal-Gvern ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Settembru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2006.

Is-27 ta' Diċembru, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema 'Y'

Sussidju ta' Mgħax fuq Self għad-Djar

B'riferenza għall-Skema 'Y' - Sussidju ta' Imgħax fuq Self għad-Djar ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2006.

Is-27 ta' Diċembru, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Ħamsa

Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti

B'riferenza għall-Skema Numru Ħamsa - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar fi Djar Privati li huma Okkupati minn Inkwilini jew Ċenswalisti ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2006.

Is-27 ta' Diċembru, 2005

HOUSING AUTHORITY

Scheme R

Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings

With reference to Scheme R - Rent Subsidisation Scheme on Privately Owned Dwellings - published in the Government Gazette of the 15th February 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2006.

27th December, 2005

HOUSING AUTHORITY

Scheme W

Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings

With reference to Scheme W - Subsidy of Adaptation Works in Government Owned Dwellings published in the Government Gazette of the 11th September 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2006.

27th December, 2005

HOUSING AUTHORITY

Scheme Y

Subsidy on Interest on House Loans (Private Sector)

With reference to Scheme Y - Subsidy on Interest On House Loans (Private Sector) published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2006.

27th December, 2005

HOUSING AUTHORITY

Scheme Number Five

Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis Scheme

With reference to Scheme Number Five - Subsidy on Adaptation Works in Private Dwellings Held on Lease or Emphyteusis published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2006.

27th December, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Z

Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999

B'riferenza għall-Skema Z - Skema għal Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Rranġar u Titjib f'Residenzi Privati Okkupati minn Sidien 1999 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2006.

Is-27 ta' Diċembru, 2005

HOUSING AUTHORITY

Scheme Z

Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings

With reference to Scheme Z - Subsidy on Adaptation Works in Owner Occupied Private Dwellings published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority notifies the general public that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2006.

27th December, 2005

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema Numru Sebgħa

Għajnuna Finanzjarja għal Persuni b' Diżabilità għal Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilità tagħhom f'Residenzi Okkupati minnhom

B'riferenza għall-Iskema Numru 7 - Għajnuna Finanzjarja għal Persuni b'Diżabilità għal Xogħlijiet ta' Titjib Relatati mad-Diżabilita tagħhom f'Residenzi Okkupati Minnhom ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Ottubru 1999, l-Awtorità tad-Djar tixtieq tgħarraf lill-pubbliku in ġenerali li t-tul ta' l-Iskema qed jiġi estiż sal-31 ta' Marzu, 2006.

Is-27 ta' Diċembru, 2005

HOUSING AUTHORITY

Scheme 7

Financial Aid to Persons with a Disability for Adaptation Works Related to their Disability in Residences Occupied by them

With reference to Scheme 7 - Financial Aid to Persons With a Disability for Adaptation Works Related to their Disability in Residences Occupied by them published in the Government Gazette of the 8th October 1999, the Housing Authority wishes to notify the general public that the duration of Scheme is being extended up till 31st March, 2006.

27th December, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Radjografu (Terapija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Radjografu (Terapija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Radjografu (Terapija) fis-sena 2006 għandu salarju ta' Lm4,967 li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,879 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) fi Skala 10 (Lm5,590 x 175 – Lm6,640 fl-2006) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) li għandha xi *degree* rikonoxxuta fit-*Therapeutic Radiography* titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata titla' fi

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Radiographer (Therapy) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Radiographer (Therapy) in the Health Division.

2.1. The post of Radiographer (Therapy) in 2006 carries a salary of Lm4,967 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,879 (Salary Scale 12). A Radiographer (Therapy) will be promoted to the grade of Senior Radiographer (Therapy) in Scale 10 (Lm5,590 x 175 – Lm6,640 in 2006) on completion of five years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.2. A Radiographer (Therapy) in possession of a recognised degree in Therapeutic Radiography will be placed in Salary Scale 10 with effect from hiscċher date of appointment or the conferment of hiscċher degree, whichever is the later. A graduate Radiographer (Therapy) will progress to Salary

Skala Nru. 9 (Lm5,930 x 192 – Lm7,082 fl-2006) wara sentejn servizz bħala Radjografu (Terapija) gradwat. Persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) gradwata tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan (Terapija) wara sentejn servizz fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Radjografu (Terapija) jinkludu:

a) tħaddim u żamma f'kundizzjoni tajba tat-tagħmir relatat ma' Radjoterapija u proċeduri ta' l-ippjanar;

b) assigurazzjoni u għotja ta' parir lill-pazjenti waqt il-kura tagħhom;

ċ) sorveljanza tal-*filing* u ċ-ċaqliq ta' *records* u dokumenti ta' pazjenti u ta' tagħmir.

d) tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknologija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana.

5. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'kaz ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' L-UE;

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż

Scale 9 (Lm5,930 x 192 – Lm7,082 in 2006) on completion of two years service as graduate Radiographer (Therapy). A graduate Radiographer (Therapy) will be promoted to Senior Radiographer (Therapy) on completion of two years service in the grade of Radiographer (Therapy), subject to satisfactory performance.

2.3. Appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Radiographer (Therapy) include:

a) operation and maintenance of equipment related to Radiotherapy and planning procedures;

b) reassuring and advising patients during their treatment;

c) supervision of the filing and movement of records and documents of patients and equipment.

d) will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country

terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

c) ikollhom jew:

(i) id-Diploma fir-Radjografija (Terapija) tal-*College of Radiographers, UK;* jew

(ii) il-BSc (Hons) fit-*Therapeutic Radiography* tal-*Kingston University (UK)* jew kwalifika xierqa komparabbli;

d) ikunu rreġistrati bħala Radjografi (Terapija) fuq ir-reġistru tal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplementari għall-Mediċina (Malta);

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li digà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji.

6.1. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 5(ċ) ta' hawn fuq iżda jissodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafi 5 (a), (b) u (e) u jkollhom żewġ suġġetti f'livell Avvanzat fi Grad C jew aħjar, flimkien ma' ħames suġġetti f'livell Ordinarju fi Grad C tal-GCSE jew komparabbli. Dawn is-suġġetti jridu jinkludu l-Lingwa Ingliża, Matematika u Fiżika jew *Combined Science*.

6.2. L-applikanti taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss għal post jekk ma jinstabux biżżejjed applikanti li jikkwalifikaw taħt paragrafu 5 (c).

6.3. L-applikanti magħżula taħt dan il-paragrafu jridu jmorru barra minn Malta kif u meta jkun meħtieġ biex isegwu kors ta' taħriġ ta' tliet snin li jwassal għall-*BSc degree* msemmija f'paragrafu 5(c) (ii) hawn fuq u jsiru eliġibbli biss għan-nomina ta' Radjografu (Terapija) wara li jkunu temmew b'suċċess il-kors ta' l-istudji tagħhom, u wara l-wasla tagħhom f'Malta.

6.4. Il-kandidati magħżula biex jagħmlu korsijiet ta' taħriġ

nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of either:

(i) the Diploma in Radiography (Therapy) from the College of Radiographers U.K; or

(ii) the BSc (Hons) in Therapeutic Radiography from Kingston University, UK, or appropriate comparable qualification;

d) be registered as Radiographer (Therapy) on the register of the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates who do not possess the qualifications mentioned in paragraph 5(c) above but satisfy the other conditions of paragraphs 5 (a), (b) and (e) and who possess two 'A' level passes at grade C or above, supported by five Grade C GCSE passes at 'O' level or comparable. These must include English Language, Mathematics and Physics or Combined Science.

6.2. Applicants under this paragraph will only be considered for the post if there are not enough suitable candidates who qualify under paragraph 5 (c).

6.3. Applicants selected under this paragraph must proceed abroad as and when required to follow a three-year course leading to the attainment of the BSc degree referred to at paragraph 5 (c) (ii) above and will only become eligible for appointment as Radiographer (Therapy) on the successful completion of their studies and on return to Malta.

6.4. Applicants proceeding abroad to follow courses will

ikunu marbuta bir-regoli kif kontemplati fil-*Public Service Management Code*.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Sezzjoni 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), 2000, anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Applikanti li jiġu magħżula taħt paragrafu 6 u ma jkunux impjegati tal-Gvern, jiġu ingaġġati bħala Radjografi Appendisti (Terapija) u jitħallsu *allowance* ta' Lm2802 fis-sena sakemm jinħatru Radjografi (Terapija).

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviz dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:
http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Any applicants selected under paragraph 6 who are not public officers, will be engaged as Trainee Radiographers (Therapy) and paid an allowance of Lm2802 per annum until they are appointed Radiographers (Therapy).

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:
http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Jannar, 2006.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' Diċembru, 2005

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General (Health) at the Health Division, 15 Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 20th January, 2006.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

27th December, 2005

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* fi Skejjel Statali

Id-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni jgħarraf li jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jiġu impjegati bħala skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'din l-iskola:

Skola Sekondarja San Franġisk ta'Assisi, Santa Venera

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' Lm1.86 għal kull siegħa maħduma. L-Iskrivani *Part-Time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' siegħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jintemm mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4.Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames siegħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Schools

The Director General, Education Division, invites applications for the engagement of Clerks on a part-time basis to perform duties at the following School:

San Franġisk ta'Assisi Secondary School, St Venera

2. Remuneration will be at the rate of Lm1.86 for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-pime clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefor. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. L-iskrivani *part-time* huma intitolati għal-*leave* bil-ħlas u *leave* għall-mard skond kif hemm ipprovdut f'sezzjoni 4.11 tal-PSMC.

6. L-Iskrivani *part-time* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet interni li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern ta' Malta.

7. Il-kandidati għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-GCE/Matrikola/SEC/Matsec (1-5) li juru *passes* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli;

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern fi grad ta' mhux inqas minn Skrivan;

(d) (i) ikollhom *passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(ii) ikunu jafu tajjeb il-*computer office applications*. L-applikanti jiġu ttestjati permezz ta' *test* prattiku biex jiġi żgurat li jkunu jafu dak kollu meħtieġ f'dan il-qasam.

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni);

(f) ikollhom 17-il sena jew aktar. L-applikanti jridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom (maħruġa minn Awtoritajiet Pubbliċi relevanti);

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office*.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom

5. Part-time clerks will be entitled to paid vacation, sick or other type of paid leave as laid down in Section 4.11 of the PSMC.

6. Part-time clerks will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Malta Government employees.

7. Candidates must:-

(a) be citizens of Malta or a European Union Member State;

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at Ordinary Level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of Clerk;

(d) (i) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(ii) have a good working knowledge in computer office applications. Applicants will have to sit for a practical test to establish their knowledge in this area.

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(f) be 17 years of age or older. Applicants should produce their Birth Certificate with that of their father (issued from appropriate Public Authorities);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should

jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Kap ta' l-Iskola u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jinthemżu ma' l-applikazzjoni.) L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

9. L-applikanti li jiġu ttestjati u jinstabu li jafu tajjeb il-kompjuter jew jiġu kkonfermati li jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL, indikati f'paragrafu 7 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' Skrivan *Part-time*.

10. Ir-riżultat u l-ordni tal-meritu finali ma jibqgħux validi wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

11. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-meritu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista u t-*test* li għalihom saret riferenza f'paragrafu numru 9 hawn fuq.

12. Il-kandidati magħżula biex jimlew il-post vakanti jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

13.
(a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta, u li jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kap ta' l-Iskola li għaliha tkun se ssir l-applikazzjoni, jintlaqgħu mill-istess Kap ta' l-Iskola sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-13 ta' Jannar, 2006.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

14. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mill-Kap ta' l-Iskola dak il-ħin stess.

